MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2013

Numru. 363/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin Pulis]**

**vs**

**David Borg**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi David Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 417783(M).

Akkuzat talli:

1. Fit-28 ta' Jannar, 2012 ghall-habta ta' 00:00hrs gewwa Instanbul Kebab House, Wesgha ta' Bir id-Deheb, attakka jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` PC

1382 M. Galea, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded u ghamel offiza fuq il-persuni ta' PC1382 M. Galea skont ma ccertifika Dr. L. Attard MD Reg 3011 mill-Paola Health Centre, persuna inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

5. finalment akkuzat talli huwa sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Ikkunsidrat:

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih hlief tar-recediva li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni b'verbal tal-lum, u l-konferma ta tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu,

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 96, 95(1)(a), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat David Borg hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief tar-recediva u stante li t-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza huma assorbiti fl-ewwel akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed tikkundannah ghal hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il (18) xahar bl-addizzjonali ta' Supervision Order taht l-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tas-Supervision Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------